Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10

It- Tnejn,24 ta' Marzu 2025

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Anthony Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.12pm

**10.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

09.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

10.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Disa' Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

10.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**10.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

10.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li kellu laqgħa ma uffiċċjal mil-LESA rigward is-CCTV's installati ġewwa Greeks Gate u Triq Testaferrata fejn ġie diskuss kif ser isir l-infurzar f'dan ir-rigward.

09.3.2 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li l-installar ta' dustbins ġewwa Howard Gardens issa ġie komplut u la darba x-xogħol jiġi ċċertifikat mill-Perit, isir il-pagament meħtieġ.

09.3.3 Is- Sindku infurma lil Kunsill li *Infrastructure Malta* ser tibda x-xogħolijiet għar-riabilitazzjoni tal-pavimentar ġewwa l-Mdina wara l-attivita' tal- Medieval Mdina.

09.3.4 Is- Sindku pprezenta talba mill- Arċipriet tal-Katidral ta' l-Mdina biex fi zmien il-Ġimgħa l-Kbira jinxtraw fjakkoli biex isebbħu l-ambjent ta' dawn il-festi sagri. L-ammont jitla' għal €472. Il-Kunsill approva dan il-ħlas.

**10.4 *Supply and Installation of a Perimiter Fence for Howard Gardens* MLC-04/24- Approvazzjoni.**

10.4.1 SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapport ta' evalwazzjoni għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill

10.4.2 L-irħas offerta kienet ta' Pillow Space Frame Ltd li tammonta għas-somma ta' €68,725.76 VAT eskluz

10.4.3 Is- Viċi Sindku ppropona li napprovaw din l-offerta li kienet sekondata mill-Kunsilliera MA. Sultana.

10.4.4 Il-Kunsill approva unanimament

**10.5 Talba għal Fondi ta' Aġġustament għas- Sena 2025**

10.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapport biex niġġustifikaw il-fondi ta' aġġustament li ngħataw mid- DLG.

.5.3 Ir-rapport finanzjarju ġie approvat unanimament

**10.6 Medieval Mdina 2025- Aġġornament**

10.6.1 Il-Kunsill b'rabta ma' l-iskemi li ħareġ id- Dipartiment għal- Gvern Lokali fejn tirrigwarda l-Iskema għall-Attivitajiet Kulturali SPI.SCI.02.2025, għadda resoluzzjoni fejn huwa jinsab f'posizzjoni finanzjarja stabbli u huwa f'posizzjoni li jorganizza din l-attivita' tal-Medieval Mdina.

10.6.2 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra kwotazzjonijiet għal kampanja ta' *social media* u *compere* ghal dak nhar tal-festival fejn l-irħas offerta kienet ta' Lisa Spiteri għas-somma ta' €2090.

10.6.3 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra kwotazzjonijiet għal *printing services* b'rabta mal-Medieval Mdina fejn l-irħas offerta kienet ta' TIK Services għas-somma ta' €2792.05.

10.6.4 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li l-Malta Tourism Authority approvat it-talba tal-Kunsill u ser ningħataw l-ammont ta' €10,000. Sadanittant għaddejjin aktar taħdidiet ma' l-istess awtorita' biex din is-somma tizdied u b'hekk inkunu nistgħu nnaqsu l-ispejjez li jkun irid joħroġ l-Kunsill.

**10.7 Talbiet sabiex jinħaraq nar ta' l-ajru minn fuq Gomorino Bridge**

10.7.1 Il-Kunsill innota li dan l-aħħar, apparti t-talba mingħand l-Arċikonfraternita' ta' San Guzepp li kull sena l-Kunsill joħroġ il-permessi meħtieġa sabiex jinħaraq nar ta' l-ajru kien qed ikollu talbiet oħra biex jinħaraq nar li mhumiex marbuti mal-festa titulari ta' San Guzepp.

10.7.2 Is- Sindku qal li kif jaf kulħadd anqas minn tlett snin ilu kien sar investiment mill-Gvern Ċentrali fuq r-ristrutturar ta' dan il-pont u huwa fid-dover tagħna li nieħdu ħsiebu aktar u aktar għal fatt li r-responsabbilta' tal-manutenzjoni waqghet f'idejn il-Kunsill.

10.7.2 Għaldaqstant il-Kunsill qed jgħaddi resoluzzjoni fejn mill-lum 'l quddiem talbiet ser jibdew jiġu kkunsidrati biss għal festi titulari li jinsabu ġewwa l-Mdina, mill-Festa Titulari ta' San Guzepp ġewwa r- Rabat għar-raġuni li mal-medda taz-zmien dan in-nar dejjem inħaraq minn fejn l-Istazzjon kif ukoll talbiet li jsiru minn zmien għal zmien mill-Gvern Ċentrali.

**10.08 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

10.8.1 Din l-Art Ħelwa- Talba biex ssir gala dinner fi Pjazza San Pawl nhar il-11 ta' Lulju 2025 Kunsill ma approvax.

10.8.2 Xara Palace- Talba għal reception ta' tieġ fis-sena 2026 fi Misrah Il-Kunsill. Il-Kunsill qed jitlob li tali talbiet isiru f'dik is-sena partikolari għal kunsiderazzjoni

10.8.3 Festival Malta- Talba biex tiġi organizzata attivita' bl-isem The Three Palaces Festival nhar il-Ħadd 13 ta' April 2025. Il-Kunsill approva.

10.8.4 C. Borg Villar- Talba għal permess ta' dħul bil-vettura ġewwa l-Mdina għal DHL services. Il-Kunsill ma approvax u għandu juza l-ħinijiet permessibbli għal vetturi kummerċjali.

10.8.5 Perit tal-Kunsill- Il-perit tal-Kunsill pprezenta rapport fuq il-ħsara li ġei kkawzat fuq l-Ghajn tal-Hasselin taħt Casino Notabile. Is- Sindku nfurma lil Kunsill li xogħolijiet ta' tiswija u restawr ser isir mid- Direttorat tar- Restawr.

10.8.6 AKL- Hlas tal-Kontijiet ta' l- Ilma u l-Elettriku fl-Uffiċċju tal-Kunsill. Komunikazzjoni biex jaraw dawk il-Kunsill li huma nteressati li jibdew jaċċettaw ħlasijiet għal dan ir-rigward. Il-Kunsill mhux interessat li jagħmel dan għar-raġuni li ma għandux bizzejjed rizorsi umani biex joffri dan is-servizz apparti l-aċċess għal uffiċċju tal-Kunsill.

**10.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

10.9.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 24 ta' Marzu 2025 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 27,220.93

10.9.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill nanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**10.10 Tmiem tal- Laqgħa**

10.10.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 17.06pm u ġiet aġġornata għal-28 ta' April 2025 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| FFIRMATI | FFIRMATI |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___28 ta' April 2025__